MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 174/2009

**A B V**
**vs**
**B X V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Mejju 1994 u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Y; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19 tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha cahdet dak attribwit lilha;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-imsemmija data huwa hull fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq indikati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Mejju 1994, meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 22 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tmien snin. Fit-8 ta' Jannar 1998 twieled it-tifel Y. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien snin, il-partijiet isseparaw de facto, u eventwalment l-attur dahal f' relazzjoni extra matrimonjali li minnha twieldet tarbija.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li ghandha taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta.

*Verzjoni Attur*

Illi in sustanza l-attur jilmenta mill-fatt li l-problemi matrimonjali bdew mill-bidu taz-zwieg, u aggravaw bit-twelid tat-tifel. Huwa jghid li, peress li l-konvenuta kienet tahdem hafna fin-negozju tal-familja, hija kienet titraskura d-dar u l-familja, u jsostni li mill-bidu nett taz-zwieg hija kienet turi riluttanza sabiex taghmel l-att taz-zwieg mieghu.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tispjega li sa minn qabel iz-zwieg kien jidher li l-attur kien bniedem possessiv u li ried li dejjem tghaddi tieghu, jikkontrallalha hajjitha, kif ukoll refa' idejh fuqha. Tispjega li fl-okkazzjonijiet li hu kien refa' jdejh fuqha

qabel iz-zwieg huwa kien ta' "daqqa ta' harta jew daqqa ta' sieq, u kien hemm kaz minnhom waddabli l-gebel."[1]

Minhabba f' hekk huma kienu jillitgaw hafna, u hija gieghli tterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom, izda, peress li kienet thobbu, kienet taccetta l-weghdiet tieghu li kien ser jirranga ghemilu fil-konfront taghha. Tghid li dak iz-zmien hija kienet ghadha zghira u ma kienitx tifhem l-implikazzjonijiet futuri ta' dan il-komportament abbuziv da parti ta' l-gharus taghha.

Illi wara z-zwieg l-problemi bdew mill-bidu nett, partikolarment minhabba l-ilment kontinwu da parti ta' l-attur li hi kienet qed titraskura d-dar u l-familja.

Tghid, li wara sena miz-zwieg l-attur sar qisu "xitan" u l-komportament abbuziv tieghu aggrava. Kien ghalhekk li eventwalment bdiet tkun riluttani li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu.

In fine tghid li, wara s-separazzjoni l-attur dahal f' relazzjoni ma' mara ohra, hmistax-il sena izghar minnu, u li minnha ghandu tarbija ta' circa seba' snin. L-attur minn naha tieghu jghid li din ir-relazzjonijiet llum spiccat; fi kliemu: "kelli relazzjoni, u tliftha wkoll" u jhossu depressed hafna. Jikkonferma li meta kien zghir kien ghadda minn hafna problemi mal-familja tieghu u li dawn il-problemi affettwawh b' mod li jsibha difficli biex jkollu relazzjoni fit-tul.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront taz-zewg partijiet.

Minn naha tieghu l-attur, bil-komportament tieghu, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg, wera li hu kien inkapaci li jassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-<u>benessere reciproku</u> u t-trobbija tat-tfal. Minhabba l-

[1] Fol.60

karattru egojist u pussessiv tieghu huwa kien inkapaci li jizviluppa ma martu kommunjoni ta’ hajja u mhabba.

Minn naha taghha l-konvenut, meta kompliet bir-relazzjoni taghha ma’ l-attur u zzewwgitu, minkejja li hi kienet konsapevoli tal-fatt li l-attur kellu problema serja fil-komportament tieghu biex jirrelata ma’ persuna f’ relazzjoni stabbli, uriet li meta tat il-kunsens matrimonjali hija ma kienitx gharrfet l-import tal-hajja konjugali, ghax messha rrealizzat dak li kien kien car u manifes, u cioe’ li l-attur kien inkapaci li jassumi l-obbligi taz-zwieg. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-konvenuta kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq d-drittijiet u l-obbligi tal-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Decide
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Mejju 1994.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------